MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2963/2002

***Frank Borda Limited***

***vs***

***Aldo u Jacqueline Simiana***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm431.04) rappresentanti kwantu ghal Lm426.04 bilanc fuq kambjalijiet ghal *air conditioner*, skaduti u mhux imhallsa u kwantu ghal Lm5 bhala spejjez ghall-ittra legali.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

Ra li ghalkemm l-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw ir-risposta taghhom permezz ta' digriet datat 24 ta' Jannar

2003, baqghu ma ghamlux dan u lanqas ma dehru ghas-seduta quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ Marzu 2003, li permezz taghha s-sorte gie ridott ghall-ammont ta’ Lm401.04 u dana stante pagament fil-mori mill-konvenuti.

Sema' x-xhieda ta’ Mary Grace Darmanin in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-bilanc ta’ Lm401.04 ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u lira Maltin u erba’ centezmi (Lm401.04), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------